# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 272 :: JANNAR, 2019



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com





*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u ill-qarrejja tal-Folju tagħna*

*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

# TLIET AVVENIMENTI DWAR MANWEL CASSAR



Il-membru tagħna Manwel Cassar dan l-aħħar kellu pjaċir li jgħaddi minn żewġ avvenimenti ta' ġieħ għalih u għall-komunità Matlija. Fiċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Anzjani, il-Kunsill ta' Port Phillip jagħmel attivitajiet tal-kittieba lokali. Il-Kunsill iħobb isemmi li l-komunità tal-Muniċipalità tiegħu hija multikulturali b'interessi partikulari li jżewqu l-ħajja f'din il- Muniċipalità. Is-sena l-oħra Manwel kien mitlub jaqra poeżija tiegħu bil-Malti u bi traduzzjoni bl-Ingliż. Ix-xogħlijiet dehru bil-Malti u bl-Ingliż fi ktieb stampat mill-Kunsill. Din is-sena Manwel reġa' ntlaqa' b'poeżija tiegħu bil-Malti u bi traduzzjoni tagħha bl-Ingliż u wkoll dehru fi ktieb ieħor flimkien ma' bijografija fil-qosor li ma ton-qosx issemmi l-oriġini ta' Manwel.

Barra li huwa kittieb magħruf fostna, Manwel huwa pittur magħruf fost l-artisti tal-għaqdiet tal-arti.



Manwel huwa artist fil-prattika, imma huwa wkoll ikkwalifikat mill-universitajiet, mhux l-inqas bħala Master of Arts fir-riċerka tal-arti. Fil-21 ta' Novembru 2018, Manwel ngħatalu l-unur tal-grad ta' "fellow" tal-għaqda ewlenija tal-arti, Victorian Artists Society. Ir-ritratt ta' hawnhekk juri l-għoti tad-dokument li jixhed l-għażla ta' Manwel bħala "fellow" ta' din is-Soċjetà, l-iktar waħda professjonali fost kollha.

Ukoll, Manwel kien ippremjat billi kwadru mpitter minnu kien ivvutat bħala "L-Għażla tal-Poplu" (People's Choice) fil-Festival tal-25-11-18 fit-Triq Ċentrali (Centre Road), Bentleigh. Il-Festival kien jinkludi baned, żeffiena – anki tal-"Can-Can" – draguni Ċiniżi, eċċ., u wirja ta' xogħlijiet tal-arti. Kien organizzat mill-Kunsill lokali.




Although at first one might think that Samwel is the main protagonist of the novel, as the story unfolds, several other characters emerge and these should be considered as equally important.

Most of them interact with each other and eventually also with Samwel – the boy who never grew up, the man who never tried to impress and remained genuine.

It seems that in the novel Casha had more than one theme to develop. This is a narrative of relationships between people, who in their life enjoy or suffer the consequences of somebody else's decisions and behaviour.

Samwel is the victim of others and the reader follows all that occurs to find out if Samwel succeeds in breaking the chain of events. Samwel always led a solitary life and after his mother's death, tried through his fantasies to find a way of life that gave him an aim for living, albeit a solitary life. It was one of his favourite pastimes that brought about his encounter with Claudia, the mysterious woman who came to live in one of the apartments in the buildings where he had gone to dwell after his mother's death.

In the novel, the desire for love is expressed in several characters, especially in Samwel. Kristina, Gwido's wife, is the woman whose husband never really loved her. She is a simple woman who was bred in a religious environment which demanded fidelity towards her husband. Her social environment, on the other hand, made her believe that as a woman her role was to care for her family, breed children and serve her husband . When the opportunity cropped up, she strongly expressed her disappointments. The same lovely house that her husband built her was the prison where in spite of everything she found a certain security.

At the end of the novel, the author desists from tying up all the loose ends, especially in the case of Samwel, who is left with the option of a status quo or forging ahead to attain what he had always longed for.

# IL-ĠRAJJA WARA L-KELMA




Il-Ġrajja wara l-Kelma - Infittxu l-Imgħoddi u l-Preżent (Horizons Publications, Malta, 2018)

Charles Briffa

Kull kelma għandha l-ġrajja tagħha, ġrajja li taf tikxef xejriet ta' moħħ bikri jew ta' żmienna. Fid-dinja tal-kelma hemm ġid kbir. Fil-ġrajja wara l-kelma (ĠWK) insibu l-imgħoddi Malti ta' missirijietna (aktar milli l-imgħoddi barrani f'art missirijietna). U nsibu l-preżent ukoll. Għalhekk il-kunċett tal-ĠWK jħaddan xi aspetti tal-istorja kulturali ta' niesna.

Xi siltiet fil-Malti istituzzjonalizzat jipprovokaw kurżità u stagħġib fl-istess ħin.

- X'tgħidilna din l-għamla ta' lingwa fuq il-mentalità ta' niesna l-antiki?
- X'tikxfilna fuq il-moħħ tal-antenati tagħna?

Aħna u ngħarrxu f'din il-mentalità (permezz tal-ĠWK) naraw fl-istess waqt kif il-bniedem ibiddel dak li ħaddieħor ħaseb, ħass, emmen, u għamel.

Jingħataw spjegazzjonijiet plawsibbli għas-sura tal-ħsieb Malti ta' missirijietna.

L-għarfien lingwistiku joffri ġrajjiet impressivi ta' filosofija komuni li lill-antenati tagħna għamlithom umani. Il-ħidma investigattiva ta' dan il-ktieb tipprova tixħet dawl fuq il-ħsieb u t-tiġrib tal-antenati tagħna li għal sekli sħaħ kienu abbandunati soċjalment, politikament, u edukattivament. Minkejja dan l-abbandun storiku, il-Maltin komuni tal-klassijiet il-baxxi ppriservaw il-mentalità u l-viżjoni tagħhom tal-ħajja fi lsienhom, ilsien dejjem mitkellem qatt miktub, u injorat mill-klassijiet l-għolja u mill-amministrazzjoni.

U l-lingwa kif qed tiżviluppa llum ukoll turi l-ħsieb Malti.

Dwar l-awtur

Il-Professur Charles Briffa jgħallem it-traduzzjoni u l-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Kiteb u tella' bosta programmi fuq il-lingwa għax-xandir u ppubblika ħafna studji fuq il-lingwa, il-letteratura, u t-traduzzjoni, u rebaħ bosta premjijiet letterarji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**

## **Sfog Muġugħ** *— Charles Briffa.*

*Victor Fenech, PS: Il-Muża Mħallta (Horizons, Malta, 2018)*

Fil-ktieb Fl-Arena ta' Moħħu (2018) lil Victor Fenech urejtu bħala awtur intellettwali u mimli kultura. U wrejt ukoll li l-kitba letterarja tiegħu għandha personalità li tgħożż il-ġmiel u tikkritika l-kontemporanjetà, u ġġagħalna nissuspettaw fil-valuri tal-lum. Mhix biss kritika iebsa tal-kontemporanjetà, imma hija wkoll sfog muġugħ ta' lment personali kontra l-ħajja li jingħaqad ma' lmenti personali oħra ta' poeti kontemporanji. Dawn huma karatteristiċi ta' Fenech li jinsabu wkoll f'PS: Il-Muża Mħallta (2018) li jien ma kontx rajt meta lestejt il-ktieb tiegħi għax kien għadu ma ħariġx.

Darba Fenech kien qatagħha li ma jibqax jikteb poeżiji u ħareġ L-Aħħar Rimi (1997); imma baqa', u reġa' għamel il-ħsieb li jerġa' jieqaf u ppubblika Għeluq (2005); u lanqas din il-pubblikazzjoni ma waqqfitu għax issa ħareġ għall-pubbliku PS: Il-Muża Mħallta (2018), ġabra li tintemm b'"endgame". Jiġifieri, dan l-aħħar ktieb huwa (bħala postscript) għamla ta' messaġġ ekstra miżjud fi tmiem ta' karriera poetika mifruxa u stabbilita fuq il-medda tad-deċennji mis-sittinijiet tas-seklu 20 'l hawn – messaġġ li jagħti tagħrif ieħor. Din il-bidla fil-ħsieb, Fenech jispjegaha u jiġġustifikaha (fid-daħla) billi jikkwota kif darba Anton Buttigieg fisser il-muża bħala "vera qaħba" għax "anki f'nofs ta' lejl ma tħallikx torqod, tgħidlek li trid u jkollok taqdiha". U fil-każ ta' Fenech, il-muża baqgħet tinbxu anki wara li għalaq it-tmenin.

F'din ir-reċensjoni m'iniex se nirrepeti dak li għedt Fl-Arena ta' Moħħu, imma se nżid biss xi kummenti li jistgħu jiġu infilsati fil-ktieb.

Kemm ili nanalizza l-kitbiet ta' Victor Fenech dejjem rajt fih li l-lingwa tirrappreżenta r-realtà. L-għarfien ta' dinjetu (i.e. tal-kontemporanjetà tiegħu) jitqanqal mill-esperjenza diretta tiegħu tar-realtà, imbagħad isarraf dik l-esperjenza fi kliem. Il-kontemporanjetà tiġi aċċessibbli għalina permezz tal-lingwa kif imħaddma fil-poeżiji u l-poeproża – lingwa li fl-istess ħin tikxef xejriet siewja tal-istil mentali tal-poeta. F'PS hekk għadni narah: poeta li l-lingwa tiegħu hija tieqa fuq id-dinja u bieb imbexxaq f'moħħu. Irrid ngħid li bħala tieqa l-lingwa tax-xogħlijiet tirrifletti d-dinja, imma bħala bieb imbexxaq il-lingwa tikkostitwixxi moħħu. Kull suġġett li jittratta jinbena fil-lingwa.

B'eżempju nsemmi l-użu tar-rima li jgħin sabiex jgħaqqad il-ħsieb ma' ieħor, u fl-istess ħin jorbot ir-ritmu mal-ideat. Fil-poeproża "Tmenin", Fenech iħaddem ir-rima biex jibni grad ta' emfasi fil-versi. Il-progressjoni tar-rima minn paragrafu poeprożajku għal ieħor hija hekk: "poeżija-parodija"; "poeżija-poeżija-anestesija" + "jitlax-jimportax"; "poeżija-fantasija" + "ħjut-bjut"; "poeżija-moħqrija" + "widien-għotjien" + "bliet-swied" + "sinfonija-tbatija-poeżija"; "poeżija-poeżija-tbatija-poeżija" + "fatikuż/meraviljuż"; "poeżija-tislija-frattarija" + "manja-xampanja". Il-parodija tlaqqa' t-tislija max-xampanja (tat-tluq?).

Ir-rima stilistika twassal biex b'mod inkonxju ma tħallix il-poeproża tabbanduna lilha nnifisha, u minkejja r-repetizzjoni tal-istess ħoss il-poeproża ma tifgax, għax meta niffokaw fuq il-progressjoni tar-rima li tħaddem l-element "-ija" nintebħu li r-rima tkun qed iżżid l-emfasi u l-melodija tal-versi. U dan ix-xogħol isir għax Fenech juża r-rima bħala element ta' għaqda fit-tifsir. Il-"poeżija" jixħetha f'ġustapożizzjoni ma' "parodija, anestesija, fantasija, moħqrija, sinfonija, tbatija, tislija, u frattarija" biex jagħti x-xejriet tal-impressjonijiet poetiċi tiegħu li kellu matul ħajtu. Plass hekk, ir-rima interna toħloq effett sfiq u koeżiv. Il-kontenut semantiku tal-kliem irrimat jista' joħloq rima ironika meta l-kliem li jirrima jkollu konflitt ma' dak li jkun qed jingħad jew ma' dak li jkun intenzjonat fix-xogħol. Meta jkun hemm effett ta' tensjoni jagħti impressjoni ta' taħwid.

Inżid ngħid ukoll li Fenech iħobb il-poeżiji ta' taħdit ma' awturi magħrufin. Dan għamlu f'xogħlijiet oħra u issa f'PS qed jerġa' jagħmlu. Jidħol fi djalogu dirett ma' Yamanoue Okura (ċ.660-ċ733) li kien poeta klassiku Ġappuniż biex jitħasseb bil-loġika tal-moralità fuq "il-għala tal-faqar" u "l-impermanenza tal-ħajja umana". Id-djaloġiżmu f'Fenech huwa stat ta' moħħu. U f'naħa oħra tal-ktieb daħal jiddjaloga letterarjament ma' Stephen Crane (1871-1900) bl-adattazzjonijiet li għamel tal-poeżiji qosra ta' Crane mimlijin xbihat vividi u konċiżi. Crane kien poeta, rumanzier, u novellist Amerikan; ix-xogħlijiet tiegħu juru aspetti realistiċi tad-dinja tiegħu, u għalih l-ambjent kien tremend u jsawwar ħajjet il-bniedem minkejja kollox. Bħal Crane, Fenech kmieni qatagħha li l-umanità hija studju interessanti – Crane raha aktar interessanti mill-istudji akkademiċi. Ma' Fenech inħossni nogħdos fil-poeżija u l-poeproża li jġibu ħajjin il-kondizzjonijiet ħorox tal-eżistenza umana.

Fil-kitbiet tiegħu Fenech huwa personali u jiġbed mis-sentimenti tiegħu mqanqla mill-ġrajjiet reali tal-poeti barranin. U dawk il-ġrajjiet iservu ta' springboard għal xi ħsieb fuq l-umanità. F'dan is-sens il-poeżija u l-poeproża tiegħu huma intellettwali, u mhumiex kitbiet li jevokaw is-sentimenti. Huma xogħlijiet li jistimulaw il-moħħ (aktar milli jqanqlu l-qalb). Fihom attitudnijiet, twemmin, u fehmiet fuq il-bniedem u d-dinja tiegħu; u PS ikompli fix-xejriet Fenechjani li jilmħu l-letteratura bħala kunċett li hu essenzjalment drammatiku; u f'daqqa l-"poeżini", il-ħajku, il-poeżiji, il-poeproża (issa nistgħu nħarsu lejn il-poeproża b'simpatija storika), il-poeżija viżiva, il-vers proġettiv, jipprovdu l-kontinwità mentali fi ħdan l-istrutturi ta' bixra konversazzjonali megħjunin mill-vuċi li spiss tirrapporta t-tiġrib. U ma' dan kollu, hawnhekk, jerġa' jdaħħal l-element viżwali għax għalih il-viżwali u ċ-ċerebrali jagħtu "espressjoni ħolistika" u għalhekk "m'għandhomx jibqgħu fi stat ta' firda totali", anzi kultant "jistgħu jitqiesu kumplimentari" għal xulxin.

L-idea ta' postscript tingħaqad poetikament (u djaloġikament) ma' xogħlijiet oħra għax fil-ġrajja tal-bniedem insibu xogħlijiet fi ħdan il-kunċett ta' PS I Love You li jħaddan: pubblikazzjonijiet letterarji (eż. PS I Love You: An Intimate Portrait of Peter Sellers, 1981, bijografija ta' Michael Sellers); produzzjonijiet għall-films u t-televixin (eż. PS I Love You, 2007, film ibbażat fuq ir-rumanz bl-istess isem ta' Cecelia Ahem li ħarġet fl-2004); u kompożizzjonijiet ta' songs (eż. PS I Love You, 1962, song tal-Beatles li ħarġet bħala l-B-side ta' Love Me Do.) – insibu anki x-xogħol ta' Kierkegaard, Concluding Unscientific Postscript. Il-ktieb ta' Fenech jidħol fin-niċċa postskriptjana tal-qasam intellettwali.

Dan il-ktieb, PS: Il-Muża Mħallta, jgħaddina mill-ħsieb tal-muża-qaħba għall-poeżija-frattarija – vjaġġ ta' ideat li fihom xi tmexmex. Tgħid se jkun hemm xi PPS (post-postscript)?

# **Żagħżugħ ta' Mitt Sena** — *Charles Briffa. John Cremona, Poeżiji (Klabb Kotba Maltin, Malta, 2018)*



John Cremona (magħruf ukoll bħala l-Prim Imħallef Emeritus il-Prof. J.J.Cremona) twieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918 (fis-6 ta' Jannar ta' din is-sena jagħlaq 101 sena) u huwa l-uniku poeta Malti li qabeż il-mitt sena. U għadu jikteb bil-qawwa tas-sempliċità kkaratterizzata b'ċarezza u b'sinċerità. Dawn huma karatteristiċi li juru moħħ mogħni bil-freskezza taż-żgħożija minkejja l-età kbira-sabiħa tiegħu. F'xogħlu hemm komunikazzjoni ċivili.

Għaċ-ċentinarju minn twelidu Cremona ħareġ Poeżiji (2018) li hu ġabra msawra minn għadd ta' xogħlijiet li kien diġà ppubblika qabel, plass xi oħrajn ġodda. Hekk insibu għażliet mill-kotba tal-poeżiji tiegħu bil-Malti Mas-Sebħ Għasafar (2004), Ekwinozju (2006), Poesie, Poems, Poeżiji (2009), u Il-Kantiku tax-Xagħra (2012) flimkien ma' għadd ta' poeżiji oħra li qatt ma dehru mkien. Qabel dawn ix-xogħlijiet Cremona kiteb bosta poeżiji bl-Ingliż u oħrajn bit-Taljan. Fl-1930ijiet beda jikteb il-poeżiji bit-Taljan u ppubblika Eliotropi (1937) u ftit wara ppubblika għadd ta' poeżiji bl-Ingliż f'Songbook of the South (1940). Il-ħajja ħawtiela tiegħu ta' ġurist f'Malta u f'oqsma internazzjonali (il-kobor tiegħu f'dan il-livell ħadd ma jista' jiddubitah) ma qatlitlux il-muża u baqa' jikteb, tant li ħareġ għadd ta' poeżiji oħra bl-Ingliż f'Malta Malta (1992), imbagħad wara beda jippubblika l-poeżiji tiegħu bil-Malti.

Sa mill-bidu nett il-kritika letterarja stmatu bħala poeta modern u eventwalment laqqmitu missier il-poeżija moderna f'Malta. Mumenti sinifikanti tal-ħajja komuni jitnaqqxu fil-versi mexxejja tiegħu b'għarfien li juri r-realtà bid-dehriet li jagħtina ta' ġrajjiet u karattri ordinarji li tħosshom jieħdu n-nifs fir-ritmi li joħolqu arja ta' familjarità u aċċessibilità. Kollox jingħad b'konċiżjoni li twasslilna versi meqjusa u bil-galbu li jagħtuna l-qofol tal-ħsieb. F'dan il-poeta hemm id-dinja ta' barra fid-dehriet poetiċi tiegħu, imma minn dawn id-dehriet tfiġġ il-ħajja ġewwiena tiegħu: jixref moħħu bix-xeħtiet u l-attitudnijiet tiegħu. Għalhekk fiha element awtobijografiku qawwi: jagħtina l-ħajja kif għexha u kif fehemha hu.

Iħaddem lingwa sempliċi u ċara li tinfirex fuq medda ta' esperjenzi 'l barra mill-poeta u fl-istess ħin dik il-lingwa tilħaqlu moħħu. Il-poeżija hija ċara għax ħafifa: iħaddem is-sengħa tal-kliem meqjus; u hija sinċiera, imseddqa bis-safa tal-ħsieb. Bil-mezzi taċ-ċarezza u s-sinċerità jpinġi r-realtà, u l-qari jrid ikun penetranti sabiex nifhmu kemm nistgħu l-bixra dinamika tal-moħħ poetiku. Għal Cremona, ir-realtà (kif tixref mill-poeżiji tiegħu) taf tibqa' titnikker fil-bniedem u mal-bidla taż-żmien l-individwu jaf jifhem il-kondizzjoni tal-eżistenza tiegħu aktar. Dan hu parti mill-ġmiel tal-moħħ fis-sempliċità u ċ-ċarezza.

M'iniex se nitkellem fuq il-karatteristiċi li nsibu fil-poeżiji ta' din il-ġabra għax dan għamiltu, bħala kritiku analitiku, fid-daħla tal-ktieb. Hawn se nitkellem ftit bħala qarrej attiv, fuq kif jaffettwawni dawn il-poeżiji li nsibhom jinsistu fuq l-aspetti kreattivi u transformazzjonali tal-qari.

Kull meta naqra l-poeżiji tiegħu nħoss li nkun irrid nifhem il-proċess poetiku tal-poeta. Il-poeżija ta' Cremona tixħetli dawl li ma bħalu fuq ir-relazzjoni bejn il-poeżija u l-esperjenza. Il-poeżija tiegħu tiġi oġġett espressiv li fis-sħuħija tiegħu niltaqa' ma' element fundamentali fl-iżvilupp ta' tiġrib uman – tiġrib li lill-poeta affettwalu ħajtu bil-burdati tagħha kollha; u kull burdata li tinsab intratestwalment trid tingħaqad intertestwalment ma' burdati oħrajn ħalli l-istil mentali jingħaraf aħjar. U mhux hekk biss: l-esperjenza li kull poeżija titkellem fuqha tingħaraf bħala s-sit ewlieni għal proċess djalettiku tat-tiġrib, tant li jien-il-qarrej inqabbel (bit-tħassib tiegħi) it-tiġrib tiegħi ma' tiegħu meta nifhem l-esperjenzi poetiċi. Hekk il-poeżija ssir okkażjoni li tgħaqqad l-esperjenzi għax donnu dak li jħoss il-poeta jiddjaloga ma' dak li nħoss jien-il-qarrej fil-proċess tal-qari. Minħabba li l-poeżiji huma espressivi, il-poeta u jien-il-qarrej attiv niltaqgħu ma' xulxin; jiġifieri, l-ambjenti mentali tagħna t-tnejn jiltaqgħu fil-kultura Maltija. Hekk, il-poeżija ta' Cremona ssir funzjonali li twassalni biex ikolli perċezzjoni miġbura mis-sħuħija u jien-il-qarrej insir il-producer tat-test Cremonjan.

Il-bniedem fl-ambjent (li jkompli jidher f'dan il-ktieb) huwa l-bażi tad-dinja estetika ta' Cremona. Esperjenza poetika hija prodott li juri l-interazzjoni tal-poeta mad-dinja tiegħu u ma' żmienu. U l-konnessjoni tal-poeżija mal-esperjenzi ta' kuljum tfakkarni fir-responsabilità li l-letteratura u s-soċjetà jixħtu fuq l-individwu. Fil-ħeġġa tiegħu Cremona jsir mezz intimu li jiġi xxerjat miegħi-qarrej biex nifhem ftit aktar l-arti tal-għajxien. U din l-arti tal-għajxien tidħol bħala esperjenza estetika li ssir rekord u tfakkira tal-ħajja ċivili u sa ċertu pont din l-esperjenza estetika titfa' ġudizzju fuq il-kwalità tal-kontemporanjetà tagħna.

Lil Cremona nifhmu bħala r-raġel li jġarrab u l-moħħ li joħloq. Ngħidu aħna, ġarrab il-mewt ta' martu u moħħu baqa' joħloq id-dehriet tal-ġmiel tagħha ħafna snin wara mewtha. A young centenarian writing love poems to his dead wife u jgħidilha: "kemm nixtieq/ minn dik soddtok ġeblija/ inqajmek jien". Hawnhekk m'hawnx ħarba mill-emozzjoni imma ħarba għal ġol-emozzjoni. Il-funzjoni tal-poeżija tal-imħabba Cremonjana tuniversalizza l-valur tal-ħajja bħala esperjenza u tikkonċedi l-klejm tal-immaġinazzjoni li tfittex titjib il-bniedem permezz ta' lingwa espressiva. Is-sens ta' familja fih huwa qawwi u fir-realtà nara lil bintu, Mary Sammut-Tagliaferro, tieħu ħsiebu bl-għożża tal-imħabba. U r-ritratt tal-qoxra huwa poeżija fih innifsu għax juri lil dan il-bniedem kbir iħaddan l-imħabba fidila tal-kelb ġwejjed.

Poeżija lirika ta' Cremona tinżamm fil-memorja fis-sħuħija tagħha aktar malajr minn, ngħidu aħna, novella, rumanz, jew dramm. U l-qari transformazzjonali jaf iwassal għal xi tifsir komplut, imma mhux mitmum: komplut għax l-interpretazzjoni ta' poeżija tkun sħiħa fid-dinja testwali tagħha imma dik l-interpretazzjoni tkun trid tissieħeb mal-interpretazzjonijiet tal-poeżiji l-oħra biex jitkompla l-profil mentali tal-poeta; u l-qarrej jgħaddi mill-"karba tal-vjolin" għall-"memorja/ imżewqa bħall-għajxien".

# PREMJU MIDALJA TAD-DEHEB 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI'



L-Akkademja tal-Malti tat ġieħ lil Trevor Żahra billi ppreżentatlu l-midalja tad-deheb għall-karriera letterarja tiegħu. L-investitura tal-midalja saret mill-President ta' Malta l-E.T. Marie-Louise Colerio Preca.

Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947. Ta' età żgħira beda jikteb poeżija u stejjerr għat-tfal u fl-1971 ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu: Il-Pulena tad-Deheb ... avventura għat-tfal. Minn dakinhar lil hawn kompla jikteb u jippubblika kull sena, u llum, bejn kotba ċkejknin għat-tfal, rumanzi u novelli għall-kbar, huwa ppubblika 'l fuq minn 130 ktieb. Huwa kien għalliem tal-Malti u tal-Arti u għalhekk Żahra jillustra l-kotba tiegħu huwa stess. Ir-rumanzett "Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa" ġie tradott u ppubblikat bl-Ingliż, Franċiż, u dalwaqt bir-Russu u bin-Norveġiż. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal 18-il darba u fl-2004 rċieva l-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fil-qasam tal-letteratura għat-tfal.

In-nominazzjonijiet tal-membri tal-Akkademja ġew evalwati minn ġurija magħmula mill-Presidenti tal-Akkademja u tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, u mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università.





**Mhux se jkollna laqgħa f'Jannar. Il-laqgħa li tmiss tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria se tkun nhar <u>il-Ġimgħa, 22 ta' Frar,</u> fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Nisperaw li naraw ħafna minnkom u ġibu xi qari magħkom. Nilqgħu ukoll xi membri tal-familja tagħkom jew ħbiebkom.**

***Nirringrazjaw ħafna lil dawk kollha li matul il-Festi tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida irċevejna mingħandhom ħafna xewqat sbieħ u ta' dan aħna għal darb'oħra***